MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 19/1996/1

**Avviz Numru 19/96VG**

**Is-Socjetà Grech & Ellul**

**Vs**

**Frank Paul Sammut esercjenti l-kummerc bl-isem ta' Sambro Service Station u b'Digriet tal-15 ta' April 1999 Silvio Naudi gie kjamat in kawza**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat mis-socjetà Grech & Ellul fis-16 ta' Jannar 1996 permezz ta' liema titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' mija u erbatax-il Lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm114.45) [illum ekwivalenti ghal €266.60] rapprezentanti prezz ta' zjut minnha mibjugha u konsenjati lill-istess konvenut; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 26 ta' Dicembru 1995, u bl-imghax legali konteggjat mis-27 ta' Gunju 1995, kontra l-konvenut;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut permezz ta' liema jeccepixxi li: (a) preliminarjament irid jigi ppruvat dak allegat mill-kumpanija attrici; u (b) fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, it-talba attrici ghall-hlas tas-somma ta' Lm114.45 bhala bilanc allegatament dovut, hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez, stante li l-konvenut kien ghamel il-pagament relattiv lis-*salesperson* tas-socjetà attrici;

Rat ir-Rikors tas-socjetà attrici a fol.32 tal-process permezz ta' liema fid-dawl ta' l-allegazzjoni tal-konvenut li huwa hallas is-somma ta' Lm114.45 lil Silvio Naudi, talbet il-kjamata in kawza ta' l-istess Silvio Naudi. Rat id-Digriet tal-15 ta' April 1999 permezz ta' liema t-talba tas-socjetà attrici ghall-kjamata in kawza ta' Silvio Naudi giet milqugha;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Silvio Naudi permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) apparentement gie msejjah fil-kawza bhala ko-attur flimkien mas-socjetà Grech & Ellul u ma jistax jifhem il-kuntest li fih gie imsejjah fil-kawza bhala ko-attur; u (ii) fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, f'kaz li huwa gie imsejjah bhala ko-konvenut, huwa ma xtarax zjut minghand Grech & Ellul u ghalhekk it-talba kif diretta kontra tieghu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;

Rat ix-xhieda in ezami ta' Mario Ellul moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 1996[1] u x-xhieda in kontro-ezami tieghu moghtija waqt is-seduti tal-21 ta' Gunju 2005[2] u 2 ta' Frar 2009[3] u l-*istatement of account* ipprezentat mis-socjetà attrici flimkien ma' l-Avviz promotur a fol. 2 tal-process; ix-xhieda ta' Silvio Naudi moghtija waqt is-seduti tat-23 ta' Mejju 1996[4], tas-7 ta' Marzu 2000[5] u d-dokumenti minnu esebiti a fol. 46 sa' 49 tal-process; ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tas-7 ta'

1 Fol. 12 sa' 14 tal-process.
2 Fol. 76 sa' 78 tal-process.
3 Fol. 102 sa' 109 tal-process.
4 Fol. 15 sa' 17 tal-process.
5 Fol. 41 sa' 45 tal-process.

Novembru 1996[6] u d-dokumenti minnu esebiti a fol. 110 sa' 123 tal-process; u x-xhieda ta' Charles Bonavia moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Novembru 1996[7];

Rat it-talba tal-kjamat in kawza[8] ghall-isfilz tad-dokumenti esebiti a fol. 11 u a fol. 22 tal-process – entrambe kopji ta' l-istess originali – stante li jichad li l-firma li tidher fuq tali dokument hija l-firma tieghu u ghalhekk jichad ukoll il-veracità ta' l-istess dokument;

Rat id-Digriet moghti waqt is-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2000 permezz ta' liema giet milqugha t-talba tal-kjamat in kawza stante li d-dokument originali ma giex rintraccjat mill-konvenut u ghalhekk gie ordnat l-isfilz tad-dokumenti a fol. 11 u a fol. 22 tal-process[9];

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u semghet it-trattazzjoni da parte tad-difensuri tal-konvenut u tad-difensur tal-kjamat in kawza.

**Ikkunsidrat:**

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata hi dik rizultanti mill-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza Silvio Naudi, fejn jeccepixxi *illi huwa apparentement gie msejjah fil-kawza bhala ko-attur flimkien mas-socjetà Grech & Ellul u ma jistax jifhem il-kuntest li fih hu gie imsejjah fil-kawza bhala ko-attur*[10].

Mill-atti processwali, u partikolarment mill-Avviz promotur, jidher ferm evidenti ghalfejn Silvio Naudi ssolleva din l-eccezzjoni: l-annotazzjoni dwar il-kjamata in kawza tieghu, li giet milqugha b'Digriet datat 15 ta' April 1999, saret hdejn isem is-socjetà attrici u mhux hdejn isem il-konvenut b'dana li l-okkju tal-kawza gie jaqra "Socjetà Grech & Ellul u b'Digriet tal-15 ta' April 1999 Silvio Naudi gie kjamat in kawza v. Frank Paul Sammut esercjenti l-kummerc bl-isem ta' Sambro Service Station".

---

[6] Fol. 19 sa' 21 tal-process.
[7] Fol. 23 sa' 24 tal-process.
[8] Seduta ta' l-14 ta' Novembru 2000 fol. 51 tal-process.
[9] *Ibid.*
[10] Fol. 35 tal-process.

It-talba għall-kjamata in kawża ta’ Silvio Naudi saret mis-soċjetà attriċi permezz ta’ Rikors ipprezentat fis-17 ta’ Settembru 1998[11] u r-raġuni għal din it-talba ġiet imfissra hekk: *illi l-konvenut qiegħed jgħid li dawn il-flus* (is-somma ta’ Lm114.45 pretiża mis-soċjetà attriċi) *ġew imħallsa lil Silvio Naudi s-salesman tas-soċjetà attriċi. Illi Silvio Naudi f’din il-kawża xehed li mhuwiex minnu illi l-konvenut ħallsu dawn il-flus. Illi li hu żgur hu li s-soċjetà attriċi ma rċevietx il-flus. Illi jista’ jagħti l-lok illi kemm din il-kawża kif ukoll l-eventwali kawża li ssir mis-soċjetà attriċi kontra Silvio Naudi jiġu deċiżi kontra s-soċjetà attriċi għas-sempliċi raġuni li l-provi fiż-żewġ kawżi jkunu differenti jew li l-istess provi jkunu valutwati b’mod differenti*. Għalhekk sabiex *jiġu evitati żewġ kawżi bil-possibilità ta’ esitu differenti fuq l-istess ħaġa* s-soċjetà attriċi talbet il-kjamata in kawża ta’ Silvio Naudi.

Mir-Rikors tas-soċjetà attriċi huwa ferm evidenti li l-intenzjoni tagħha dejjem kienet illi Silvio Naudi jiġi kjamat in kawża *qua* konvenut u mhux *qua* attur. Dan in verità ma setax ikun mod ieħor billi a tenur ta’ l-Artikolu 962 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta’ Malta l-pożizzjoni tal-kjamat in kawża hija kjarament meqjusa bħala dik ta’ konvenut: *it-terza persuna msejħa fil-kawża għandha tiġi notifikata bir-rikors, ġuramentat jew le, u għall-finijiet kollha, titqies bħala kull konvenut ieħor; u bħala tali għandha l-jedd li tipprezenta kull skrittura, li tagħti kull eċċezzjoni, u li tinqeda b’kull benefiċċju ieħor illi l-liġi tagħti lill-konvenut; u tista’ skond iċ-ċirkostanzi, tiġi meħlusa jew ikkundannata, daqs li kieku mill-ewwel il-kawża kienet proposta kontra tagħha.*

Il-prinċipju ġuridiku enunċjat f’dan l-Artikolu tal-Liġi jinsab ikkonfermat f’diversi sentenzi pronunċjati mill-Qrati nostrali bħal ad esempju fis-sentenza fl-ismijiet **Gaetano Sammut pro et noe v. Pauline Sammut, Appell Ċivili Nru. 1192/87** deċiża mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-15 ta’ Diċembru 2003, fejn ingħad illi *l-kjamat in kawża huwa parti in kawża u meta ammess għall-integrazzjoni tal-ġudizzju, jirrivesti l-libsa ta’ konvenut u jista’ għalhekk jiġi*

[11] Fol. 32 tal-process.

*kkundannat jew liberat mit-talba. Dan a differenza tal-intervenjenti in kawza, li la hu konvenut u lanqas attur, u konsegwentement l-omissjoni tieghu fl-okkju tas-sentenza ma jgib l-ebda nullità*.

B'hekk meta t-talba tas-socjetà attrici ghall-kjamata in kawza ta' Silvio Naudi giet milqugha, dan necessarjament iddahhal fil-proceduri odjerni *qua* konvenut u mhux *qua* attur u jsegwi ghalhekk illi l-annotazzjoni relattiva wara d-Digriet tal-15 ta' April 1999, tnizzlet hdejn isem is-socjetà attrici flok hdejn isem il-konvenut bi zball, liema zball huwa evidentement wiehed amministrattiv.

Il-Qorti certament ma tistax tippermetti li dan l-izball amministrattiv jipperdura in kwantu jeffettwa l-okkju tal-kawza u eventwalment anke l-okkju tas-sentenza, li bih jigu identifikati l-partijiet u jigu identifikati wkoll id-drittijiet u l-obbligi taghhom kif determinati fis-sentenza eventwalment moghtija. Ghalhekk ser tghaddi biex tapplika l-provvediment tal-Ligi enuncjat fl-Artikolu 175(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi l-Qorti *tista', sa dakinhar li taghti s-sentenza u taqta' l-kawza, tordna minn jeddha li tissewwa kull omissjoni jew zball gudizzjarju jew amministrattiv f'att gudizzjarju*.

B'hekk kif fakoltizzata bl-imsemmi artikolu tal-Ligi l-Qorti tordna l-korrezzjoni ta' dan l-izball amministrattiv billi l-annotazzjoni fl-Avviz promotur "u b'Digriet tal-15 ta' April 1999 Silvio Naudi gie kjamat in kawza" imnizzla hdejn isem is-socjetà attrici tigi kancellata u minflok titnizzel hdejn isem il-konvenut, b'dana li l-okkju tal-kawza jigi jaqra "Is-socjetà Grech & Ellul v. Frank Paul Sammut esercjenti l-kummerc bl-isem ta' Sambro Service Station u b'Digriet tal-15 ta' April 1999 Silvio Naudi gie kjamat in kawza".

Din il-korrezzjoni ma hija qed tbiddel xejn mis-sustanza ta' l-azzjoni attrici jew ta' l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza sollevata kemm mill-konvenut kif ukoll mill-kjamat in kawza. In effetti b'mod partikolari ghall-eccezzjonijiet sollevati mill-kjamat in kawza, jigi osservat li l-istess kjamat in kawza bit-tieni eccezzjoni tieghu laqa' wkoll

ghall-eventwalità li gie imsejjah f'dawn il-proceduri *qua* konvenut. Fic-cirkostanzi ghalhekk, u billi kjarament il-korrezzjoni ma hi ser tohloq ebda pregudizzju, fil-fehma tal-Qorti lanqas hemm bzonn li qabel ma tinghata sentenza fil-meritu, tigi ordnata mill-gdid in-notifika ta' l-Avviz promotur kif korrett.

Ladarba b'din il-korrezzjoni qed tigi sorvolata l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-kjamata in kawza, jehtieg issa tigi trattata kwistjoni ohra li tohrog mit-tieni eccezzjoni sollevata mill-istess kjamat in kawza.

It-tieni eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza hija fis-sens li t-talba attrici kif diretta fil-konfront tieghu ghandha tigi michuda, bl-ispejjez, billi hu *ma xtarax zjut minghand Grech & Ellul*.

It-talba attrici kienet originarjament diretta fil-konfront tal-konvenut *qua* klijent tas-socjetà attrici u l-persuna lil min il-partita zejt meritu tal-kontestazzjoni giet mibjugha u konsenjata, izda sussegwentement issejjah fil-kawza Silvio Naudi billi l-konvenut allega li l-ammont pretiz mis-socjetà attrici thallas lill-istess Silvio Naudi, fiz-zmien *salesperson* tas-socjetà attrici. Proprio ghaliex Silvio Naudi ma kienx klijent tas-socjetà attrici izda impjegat taghha huwa jikkontendi li t-talba attrici kif impostata ma tistax tirnexxi fil-konfront tieghu.

Ghalkemm mill-provi prodotti johrog car li l-partita zejt li taghha qed jintalab il-hlas mis-socjetà attrici inbieghet u giet konsenjata lill-konvenut, il-kjamat in kawza ma huwiex necessarjament korrett meta jeccepixxi li t-talba attrici ghall-hlas tas-somma ta' Lm114.45 ma tistax tirnexxi fil-konfront tieghu ghaliex hu qatt ma xtara zjut minghand is-socjetà attrici, u dana billi huwa principju assodat illi *l-qorti ta' gurisdizzjoni civili ta' sede inferjuri mhiex marbuta bil-kawzali ta' l-avviz*[12].

Dan il-principju jirrizulta mill-provvediment tal-Ligi enuncjat fl-Artikolu 213 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi *fl-ewwel grad, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-*

[12] **Anthony Farrugia v. Anthony Vella, Appell Civili Nru. 860/00**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Novembru 2002.

*Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni taghha inferjuri, jekk ma tigix ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors, izda jigi ppruvat jedd iehor ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, il-qorti tista' tiddeciedi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ippruvat, fuq l-istess rikors: Izda, il-Qorti tista', meta mitluba jew jidhrilha mehtieg li jsir hekk, taghti zmien qasir biex il-konvenut ikun jista' jlesti d-difiza tieghu biex jopponi dak il-jedd l-iehor: Izda l-Qorti ma tista' f'ebda kaz taghti ammont akbar minn dak mitlub bit-talba originali*.

B'hekk kontra dak pretiz mill-kjamat in kawza, kemm-il darba mill-provi prodotti kellu jirrizulta li ghalkemm il-bejgh u konsenja tal-partita zejt meritu tal-kontestazzjoni saru lill-konvenut, dan ta' l-ahhar effettivament hallas is-somma ta' Lm114.45 lil Silvio Naudi izda dan da parte tieghu naqas milli jghaddi l-hlas lis-socjetà attrici, il-Qorti tista' u ghandha tilqa' t-talba attrici ghall-hlas fil-konfront tal-kjamat in kawza u tikkundannah ihallas lill-istess socjetà s-somma minnha pretiza.

Dana kollu necessarjament iwassal biex issa jigi trattat il-meritu ta' l-azzjoni attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut li huma: (a) illi preliminarjament irid jigi pruvat dak allegat mis-socjetà attrici; u (b) illi l-konvenut effettwa l-hlas tas-somma ta' Lm114.45 lis-*salesperson* tas-socjetà attrici u ghalhekk ebda ammont ma huwa minnu dovut lill-istess socjetà.

Jibda biex jinghad illi huwa principju guridiku assodat fis-sistema nostrali li f'azzjoni ghall-hlas ta' kreditu *skond l-ordni logiku tar-regoli probatorji jinkombi lill-attur b'obbligu u fl-ewwel lok illi jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni centrali tieghu illi l-konvenut huwa debitur tieghu. Sakemm dan ma jaghmlux il-konvenut jibqa' assistit mill-principju illi l-piz tal-prova huwa l-ewwel mixhut fuq l-attur. Huwa biss f'kaz illi l-attur ikun irnexxielu imqar "prima facie" jistabilixxi t-tezi tieghu illi imbaghad il-piz tal-prova jisposta ruhu ghal fuq il-konvenut* – **Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja, Appell Civili Nru. 554/00** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Jannar 2003.

Fl-imsemmija sentenza l-Qorti ta' l-Appell iccitat l-awtur Phipson li fil-ktieb tieghu "On Evidence"[13] qal *in civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case.* Dan l-awtur jispiega wkoll (op cit. para 91) illi r-regola *"ei qui affirmat non ei qui negat imcumbit probatio" is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the* <u>*first*</u> *to prove his case*.

Fid-dawl ta' dan il-principju guridiku ghalhekk, jispetta l-ewwel lis-socjetà attrici tipprova l-ezistenza tad-debitu minnha pretiz. Huwa biss fl-eventwalità li ssir din il-prova illi l-konvenut ikun obbligat iressaq il-prova ta' l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni bil-pagament in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu.

Wara li ezaminat l-atti processwali l-Qorti hija tal-fehma li s-socjetà attrici irnexxielha tipprova b'mod sodisfacenti l-ezistenza tad-debitu minnha pretiz minghand il-konvenut.

In sostenn tat-talba taghha s-socjetà attrici ressqet bhala xhud lil Mario Ellul, rapprezentant taghha, li kkonferma li *zmien ilu ahna konna bieghhejna zejt lill-konvenut u fil-fatt dan kien ghall-ammont ta' Lm114.45*[14] *… dana l-ammont baqa' ma thallas qatt*[15]*.* In oltre esebiet *statement of account* relattiv ghal Sambro Service Station fejn tinsab indikata l-fattura datata 27 ta' Gunju 1995 ghall-valur ta' Lm114.45, li hija l-fattura relattiva ghall-partita zejt meritu tal-kontestazzjoni, il-korrettezza ta' liema *statement of account* ma gietx kontestata.

Minbarra x-xhieda li ta Mario Ellul hemm ukoll ir-rikonoxximent tal-konvenut stess illi fl-ahhar ta' Gunju 1995 akkwista minghand is-socjetà attrici partita zejt ghall-valur ta' Lm114.45. Fis-seduta tas-7 ta' Novembru 1996 il-konvenut xehed - *diversi drabi kellna negozju mas-socjetà Grech & Ellul. Is-socjetà attrici qieghda tippretendi pagament ta' LM114.45 u liema somma ahna konna hallasniha lis-salesman ta' Grech & Ellul Silvio Naudi.*

---

[13] 11th Edition, para 103.
[14] Fol. 12 tal-process.
[15] Fol. 13 tal-process.

*Dina kienet thallset fit-8 ta' Lulju jew xi gurnata jew qabel jew wara tal-1995 … Ghandi nghid li kif jidher mid-dokument stess esebit il-konsenja kienet saret fit-28 ta' Gunju 1995 … il-hlas kien sar xi t-8 ta' Lulju bejn wiehed u iehor u ghalhekk kienu lahqu ghaddew mal-hmistax il-gurnata*[16]*.*

Minn din ix-xhieda hu evidenti li l-konvenut mhux qed jikkontesta l-ezistenza *per se* tal-kreditu tas-socjetà attrici billi la qed jikkontesta l-effettiv bejgh u konsenja tal-partita zejt in kwistjoni u lanqas m'hu qed jikkontesta l-*quantum* tal-valur taz-zejt konsenjat. Il-kontestazzjoni tal-konvenut hija fis-sens li l-obbligazzjoni tieghu tal-hlas tas-somma ta' Lm114.45 lis-socjetà attrici llum tinsab estinta in kwantu dan l-ammont allegatament thallas minnu lill-kjamat in kawza, fiz-zmien *salesperson* tas-socjetà attrici.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk necessarjament isegwi li issa sta ghall-konvenut li jipprova b'mod sodisfacenti l-allegat pagament tas-somma ta' Lm114.45 lill-kjamat in kawza, sabiex l-eccezzjoni tieghu tista' tirnexxi.

In sostenn ta' l-allegazzjoni tieghu l-konvenut xehed illi *diversi drabi kellna negozju mas-socjetà Grech & Ellul. Is-socjetà attrici qieghda tippretendi pagament ta' LM114.45 u liema somma ahna konna hallasniha lis-salesman ta' Grech & Ellul Silvio Naudi. Dina kienet thallset fit-8 ta' Lulju jew xi gurnata jew qabel jew wara ta' l-1995 … Ghandi nghid li fil-fatt kull darba li jsir bejgh isir agreement fil-kazijiet li ma nhallsux mill-ewwel cash down. F'dan il-kaz meta kien gie Silvio Naudi kien qal li l-agreement mhux qieghed fuqu u jiena qbadt u ghamilt il-hlas fuq il-kopja taghna li kellna ahna u l-hlas sar mill-caxxier Charles Bonavia lil Silvio Naudi fil-presenza tieghi. Nesebixxi wkoll kopja fotostatika ta' dan l-agreement li qed insemmi. Qieghed nuri lill-Qorti l-original tal-kopja li esebejt li fuqha tidher il-firma mhux fotokopja izda firma originali ta' Silvio Naudi. Fil-fatt qabel ma sar il-pagament dana jigi awtorizzat minn xi hadd taghna stess, f'dak il-kaz*

[16] Fol. 19 sa' 21 tal-process.

*Joe Mifsud u hemm il-firma ta' Joe Mifsud fejn awtorizza l-hlas fuq il-genb ta' l-istess ricevuta*[17].

Il-konvenut ressaq ukoll bhala xhud lil Charles Bonavia, impjegat tieghu, illi xehed li *lil Silvio Naudi nafu u diversi drabi ghamilnielu hlasijiet. Dan il-kaz ta' Silvio Naudi fejn kienu dovuti s-somma ta' LM114.45 niftakar li kien gie Silvio Naudi u kien qal li l-karta tieghu intilfitlu u li ghalhekk jiena kont mort ghand l-imghallem, gibt il-kopja taghna u ghidt lil Stephen* [recte Silvio] *Naudi biex jiffirma fuq il-kopja taghna kif fil-fatt ghamel u jiena hallastu. Fil-fatt fuq id-dokument imsemmi hemm erbgha firem u cioè ta' Joseph Mifsud li jahdem maghna, ta' Silvio Naudi li fil-fatt thallas u ta' zewg impjegati ohra maghna li huma Brian Randage u Martin Micallef. Silvio Naudi kien jigi regolarment ibieghilna x-xoghol*[18]*.*

Mix-xhieda tal-konvenut u ta' Charles Bonavia johrog car li bhala prova ta' l-allegat pagament entrambe jistriehu fuq id-dokument skond huma ffirmat mill-kjamat in kawza meta rcieva l-hlas tas-somma ta' Lm114.45, illum pretiza mis-socjetà attrici. Il-kjamat in kawza però jichad li qatt ircieva l-hlas ta' l-imsemmija somma ta' Lm114.45 minghand il-konvenut u kategorikament jichad li qatt iffirma l-original tad-dokument esebit mill-konvenut.

Silvio Naudi xehed illi *jiena nghid li dan il-bjegh in kwistjoni fil-fatt jiena anqas biss kont naf bih fis-sens li jiena bejn it-12 u l-24 ta' Gunju 1995 kont qieghed rikoverat l-isptar minhabba li kelli "slip disk" u wara l-24 ta' Gunju sa' l-ahhar ta' Gunju jiena kont qieghed id-dar ma nistax niccaqlaq ghax bil-piz id-dar … naccerta lill-Qorti li jiena ma kelli xejn x'naqsam mal-bjegh in kwistjoni tal-Lm114. Jekk sar, sar minn haddiehor. Fuq domanda tal-Qorti jiena nichad li b'xi mod ircevejt il-flus fit-28 ta' Gunju 1995 ghall-bejgh ta' oggetti li ma kont ghamilt jien stess ukoll ghax ma rcevejt ebda ammont bhal dak f'dik id-data. Qed nara l-firma li hemm fuq id-dokument "ME1" u kategorikament nichad li din hija l-firma tiehgi. Nista' anke*

---

[17] Fol. 19 u 20 tal-process.
[18] Fol. 23 sa' 24 tal-process.

*nuri kif solitament niffirma lill-Qorti, li hija differenti minn dan il-mod*[19]

Waqt is-seduta tas-7 ta’ Marzu 2000 Silvio Naudi rega’ tenna li *qed nigi muri d-dokument a fol. 11 tal-process li hemm kopja tieghu a fol. 22 tal-process. Wara li ezaminajt il-firem kemm fuq il-kopja kemm fuq l-original, anzi, wara li ezaminajt dawn iz-zewg dokumenti li huma t-tnejn kopja, nghid li fuq l-ebda wahda minnhom ma qed nara l-firma tieghi. Jidher li d-dokumenti fiz-zewg kopji taghhom, sar fit-28 ta’ Gunju 1995. Dak inhar nghid li jiena kont irtirat id-dar. Fil-fatt fil-5 ta’ Gunju ta’ l-istess sena kont dhalt l-isptar minhabba slip disc … Ma’ Grech & Ellul kont waqaft nahdem maghhom f’April 1995. Waqt li nirrileva li l-iskrittura esebita in atti u li gia sar referenza ghaliha saret fit-22 ta’ Gunju 1995. Hames xhur wara, cioè matul Novembru 1995, sirt naf bil-kaz quddiem din il-Qorti billi cempilli l-ex imghallem tieghi Mario Ellul ta’ Grech & Ellul. Dan qalli li kien hemm kont skond kif indikat fl-avviz li pagament ta’ flus allegatament migbur minni. Fil-fatt meta mort ghand l-ex imghallem tieghi, dan urieni fax ossja kopja maghmula permezz ta’ fax tad-dokument a fol 22. Jiena kif rajt dan id-dokument ghidtlu mal-ewwel “din il-firma ma hiex tieghi”. In oltre sabiex nissalvagwardja l-interess tieghi permess tal-avukat li semmejt kont bghatt ittra ukoll lil ex imghallem tieghi. Qed nesebixxi kopja taghha issa, datata 20 ta’ Novembru, 1995 iffirmata mill-avukat Dr. Peter Borg Costanzi mibghuta lil ex imghallem tieghi Grech & Ellul*[20].

Il-fatt li l-kjamat in kawza dejjem cahad li qatt ircieva dan il-pagament u li ffirma l-original tad-dokument esebit mill-konvenut gie kkonfermat anke minn Mario Ellul illi xehed: *jiena qabel ma ddecidejt li niehu passi legali peress li l-konvenut kien ghadu ma hallasx kont iddecidejt li nkellmu jiena stess lil Frank Paul Sammut. Meta kellimtu hu qalli li kien hallas lis-salesman. Jiena ghalhekk iddecidejt li nkellem lis-salesman li kien Silvio Naudi u meta kellimtu dan qalli li dan mhux veru ghax hu qatt ma gie mhallas. Fil-fatt dan kien ex-salesman ghax ma kienx ghadu*

[19] Fol. 15 u 16 tal-process.
[20] Fol. 41 sa’ 45 tal-process.

*jahdem maghna. Jiena ghalhekk kont ergajt kellimt lil Frank Paul Sammut li kien tani kopja fotostatika ta' ricevuta illi fil-fatt qed nesebixxi u qed tigi markata bhala Dokument "ME1" u meta jiena kellimt lis-salesman fuqha qalli li mhix il-firma tieghu u li hija falza*[21]*.*

In difiza tal-posizzjoni tieghu l-kjamat in kawza talab l-isfilz tad-dokumenti esebiti a fol.11 u fol.22 tal-process in kwantu dawn kienu biss kopja ta' l-istess original[22] u se mai kellu jigi esebit l-original sabiex issir il-verifika opportuna tal-firma li tidher fuqu u li qed jigi allegat li hija l-firma tieghu. Billi d-dokument originali stranament baqa' ma giex rintraccjat mill-konvenut, it-talba ghall-isfilz tad-dokumenti a fol.11 u fol.22 tal-process giet milqugha u l-istess zewg dokumenti gew sfilzati mill-atti processwali. B'konsegwenza ta' hekk il-konvenut safa' bla prova konkreta ta' l-allegat pagament tas-somma ta' Lm114.45 lill-kjamat in kawza.

Rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni l-konvenut ipprova jissosstanzja l-allegazzjoni tieghu tal-pagament billi jishaqq fuq xi problemi finanzjarji li l-kjamat in kawza kellu dak iz-zmien, u dana kif johrog car kemm mill-mod kif gie impostat il-kontro-ezami ta' Mario Ellul waqt is-seduti tal-21 ta' Gunju 2005 u tat-2 ta' Frar 2009 kif ukoll mir-referenza ghall-proceduri fl-ismijiet "Frank Paul Sammut et v. Silvio Naudi et" Citaz. Nru. 871/95 decizi mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 2001.

L-argument li jipprova johloq il-konvenut huwa li Silvio Naudi *qua salesperson* tas-socjetà attrici kien jigbor hlasijiet minghand il-klijenti tas-socjetà – fosthom il-konvenut – izda minhabba problemi finanzjarji li kellu dawn il-pagamenti kien izommhom ghalih personalment u ma jghaddihomx lill-istess socjetà. Il-konvenut jargumenta li dana huwa proprio dak li gara fir-rigward tas-somma ta' Lm114.45 pretiza mis-socjetà attrici.

Il-Qorti ma tqisx dak li johrog mill-kontro-ezami ta' Mario Ellul u mill-proceduri fl-ismijiet "Sammut et v. Naudi et"

---

[21] Fol. 12 sa' 13 tal-process.
[22] Vide verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2000 a fol. 51 tal-process.

Citaz. Nru. 871/95 (l-atti processwali ta' liema gew ezaminati minn din il-Qorti) bhala prova sodisfacenti tal-pagament ta' l-ammont ta' Lm114.45 meritu ta' dawn il-proceduri, kif invece jippretendi l-konvenut.
Ghalkemm fil-proceduri fl-ismijiet "Sammut et v. Naudi et" Citaz. Nru. 871/95 hareg illi Silvio Naudi kien jinkassa flus kemm tieghu kif ukoll tas-socjetà Grech & Ellul fuq ismu personalment imbaghad jiddepositхom fil-kont tieghu, l-istess Naudi xehed illi eventwalment kien johrog *cheque* lil Grech & Ellul ta' dak li kien dovut lilhom. Il-fatt li Silvio Naudi debitament hallas lis-socjetà attrici dak dovut lilha mill-klijenti taghha gie kkonfermat minn Mario Ellul stess illi fil-kontro-ezami tieghu sahaq *li minghand Silvio Naudi m'ghandi niehu xejn*[23].

Il-konvenut jipprova jgiddeb lill-kjamat in kawza dwar dan l-allegat pagament billi jghid illi filwaqt li l-kjamat in kawza jikkontendi li fil-perijodu tal-konsenja taz-zejt u hlas relattiv huwa kien qieghed id-dar minhabba *slip disc*, bhala fatt irrizulta li f'dak l-istess zmien l-istess kjamat in kawza hareg darbtejn mid-dar.

Frankament il-Qorti ma tistax tara x'rilevanza ghandu dan il-fatt u kif jista' jikkostitwixxi prova tal-pagament kif rikjest mill-Ligi, partikolarment meta kien l-istess kjamat in kawza li minn jeddu stqarr li fil-perijodu in kwistjoni ghalkemm kellu joqghod id-dar minhabba *slip disc* u hareg darbtejn. Il-kjamat in kawza ma zammx dawn iz-zewg okkazzjonijiet misturin mill-Qorti u fi kwalunkwe kaz il-konvenut ma ressaq ebda prova li turi b'mod sodisfacenti li f'dawn iz-zewg okkazzjonijiet jew imqar f'wahda minnhom il-kjamat in kawza mar ghandu u gabar l-allegat pagament ta' Lm114.45.

Il-konvenut jipprova jgiddeb lill-kjamat in kawza wkoll billi esebixxa serie ta' dokumenti permezz ta' Nota datata 12 ta' Marzu 2009 – fol. 110 sa' 123 tal-process. Izda f'dan il-kaz ukoll il-Qorti ma tistax tifhem x'rilevanza jista' jkollhom dawn id-dokumenti billi la gie ppruvat li jirreferu ghal hlasijiet percepiti mill-kjamat in kawza u lanqas gie

---

[23] Fol. 78 tal-process.

ppruvat li fuq l-istess hemm il-firma tal-kjamat in kawza. Dana oltre l-fatt li l-maggor parti ta' dawn id-dokumenti jirreferu ghal konsenji li saru wara z-zmien li l-kjamat in kawza kien telaq mill-impjieg tas-socjetà attrici.

In fine l-konvenut jargumenta li s-socjetà attrici naqset milli tinfurmah li l-kjamat in kawza ma kienx ghadu fl-impjieg taghha. Hawn ukoll il-Qorti ma tistax tara x'rilevanza ghandu tali fatt u kif l-istess jista' b'xi mod jissosstanzja l-allegazzjoni tal-pagament.

In verità l-konvenut jibbaza l-prova ta' l-allegat pagament fuq mera supposizzjonijiet u kongetturi li ma jistghux jigu accettati minn din il-Qorti bhala prova ghaliex huwa principju assodat li Qorti qatt ma tista' taccetta provi fondati fuq supposizzjonijiet jew meri kongetturi: il-kawzi jinqatghu mhux fuq supposizzjonijiet izda *super allegata et probata*.

Fir-rigward tal-prova mehtiega meta l-konvenut debitur jilqa' ghat-talba ta' l-attur kreditur bl-eccezzjoni tal-pagament, huwa principju assodat li *l-prova ta' pagament ta' debitu tista' tinghata mhux biss b'ircevuti li, b'certa finalità jattestaw l-estinsjoni tal-obbligazzjoni, izda din il-prova tista' tingieb ukoll b'mezzi ohra.* ***Fl-assenza ta' ricevuti, però, il-prova trid tkun tali li ma thalli ebda dubbju f'mohh il-gudikant***[24].

Dan il-principju gie ribadit fis-sentenza fl-ismijiet **Andrew Dalli v. Michael Balzan noe, Citaz. Nru. 187/90** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili 31 ta' Jannar 2003, fejn inghad illi *hi fil-fatt gurisprudenza pacifika illi min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti (Vol. XLIX PII p 776).* ***Fid-dubju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx*** *(Vol. XXXVII PI p 525)* ***jekk ma jigix pruvat … b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt***[25] *(Vok. XXXV PIII p 604; "Desmond Mizzi noe v. Patrick Filletti pro et noe" Appell, 28 ta' Jannar 2000* u fis-sentenza fl-ismijiet

[24] **Carmelo Zammit v. Emanuele Galea et, Appell Civili Nru. 1590/94** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Frar 2003. Enfasi tal-Qorti.
[25] Enfasi tal-Qorti.

**Emanuela Cefai et v. Angelo Xuereb (Construction) Limited, Citaz. Nru. 1815/97** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2004 fejn inghad illi *fejn konvenut jikkontraponga difiza bazata fuq hlas bi kwalsiasi mod l-oneru tal-prova tal-pagament jew kompensazzjoni hu fuq id-debitur konvenut li jallegah.* ***Hu wkoll generalment accettat illi f'kaz ta' dubju dan kellu jkun rizolt favur l-attur kreditur li ma kellux dan l-istess oneru***[26].

Wara li ezaminat il-provi kollha prodotti mill-partijiet kontendenti partikolarment il-provi prodotti mill-konvenut, il-Qorti ma hijiex affattu konvinta li s-somma ta' Lm114.45 pretiza mis-socjetà attrici thallset mill-konvenut lill-kjamat in kawza kif minnu allegat. Ghalhekk, skond il-precitati principji guridici fin-nuqqas ta' debita ricevuta u fid-dubju necessarjament ghandu jitqies li s-somma ta' Lm114.45 fil-fatt ma thallsitx u ghadha dovuta mill-konvenut lis-socjetà attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' mitejn sitta u sittin Euro u sittin centezmu (€266.60) [ekwivalenti ghal Lm114.45], bl-imghax legali dekoribbli mis-27 ta' Gunju 1995 sad-data ta' l-effettiv pagament. In oltre tillibera l-kjamat in kawza mit-talbiet attrici.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[26] **Emaneula Cefai et v. Angelo Xuereb (Construction) Limited, Citaz. Nru. 1815/97** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2004. Enfasi tal-Qorti.